MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 552/2007

**Caroline Said f'isimha proprja u fil-kapacita` taghha bhala mandatarja ta` ohtha l-assenti Valerie Said (ID 357403 L)**

**Vs**

**Francis Falzon (ID 490926 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Lulju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta` mija u hamsa u sebghin lira (Lm175), rapprezentanti spejjez ta` xogholijiet ta` kisi (Dok. A) ezegwiti ai termini ta` ftehim pattwit bejn il-kontendenti datat 26 ta` Marzu, 2006, Dok. B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra datata 22 ta` Jannar, 2007 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta` Ottubru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta` l-Att V ta` l-1995, it-Tribunal jilqa` t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Lm175, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------